MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 380/1987/1

**Costantino Abela**

**vs**

**George Azzopardi**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attur, wara illi ppremetta illi fid-19 ta' Novembru 1983 f'xi 7.15 pm huwa kien fuq il-post tax-xoghol tieghu u cioè f'*petrol station* li jinsab f'Mosta

Road, Lija; illi f'dak il-hin tfacca l-konvenut, li kien qed isuq mutur, dahal fl-istess *petrol station*, spara fuq u fera lill-attur u seraq is-somma ta' Lm1928 (elf disa' mija u tmienja u ghoxrin lira) proprjetà tal-istess attur u baqa' sejjer; talab ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghas-serqa tas-somma fuq imsemmija ta' Lm1928 minghand l-attur; 2. tikkundanna lill-konvenut jirrifondi lill-attur l-imsemmija somma ta' Lm1928 u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi fissat mill-Qorti; bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' qbid numru 593/87, tal-mandat ta' sekwestru numru 592/87 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut illi biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez kontra l-istess attur peress illi l-konvenut ma kkommettiex u ma kien b'ebda mod konness mas-serqa imsemmija fic-citazzjoni;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza tat-tnejn (2) ta' Ottubru, 2002 illi permezz taghha l-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet hekk:
**"… tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:**

**(1) tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghas-serqa tas-somma ta' Lm1,928 minghand l-attur, u**

**(2) tikkundannah jirrifondi lill-attur din is-somma ta' Lm1,928 bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut";**

u dana wara illi kkunsidrat hekk:

**“Fid-19 ta’ Novembru 1983 l-attur kien jinsab flimkien ma’ uliedu fuq il-post tax-xoghol taghhom fil-*petrol station* f’Mosta Road, Lija, meta dawn sfaw vittmi ta’ *hold-up*.**

**“Skond l-attur, kien il-konvenut li serqu ghax gharfu u mieghu kien hemm persuna ohra li ma jafhiex u lanqas jaghrafha. Lill-konvenut però kien jafu *di vista* u kien ilu jafu ghaliex xtara *petrol* minghandu. Dakinhar il-konvenut kien b’wiccu parzjalment mghammad u dahal b’senter issegat u talabhom il-flus *at gunpoint*. Induna li kienet se ssir *hold-up* meta kien fil-kamra ta’ gewwa jahsel idu u sema’ lil ibnu Victor ighajjat li se ssir *hold-up*. Sema’ wkoll lill-konvenut ighati mal-bieb u jghid: *iftah ghax sa nispara*. Meta sema’ l-lehen ma kienx ghadu jaf li kien proprju il-konvenut. Induna li kien il-konvenut ki[f] dahal u kompla jghajjat. Gharfu kif appena dahal.**

**“Lino Abela, tifel iehor ta’ l-attur, qal lill-konvenut li l-flus kienu fil-kexxun u l-konvenut hadhom izda dan insista ghal aktar flus peress li l-attur kien nehha xi ftit minnhom. Ghalhekk il-konvenut hedded li jisparalhom. Fil-fatt l-attur gab il-kumplament mill-borza u xehethom fl-art biex il-konvenut jehodhom. L-attur ipprova jzomm is-senter li l-konvenut kellu f’idejh peress li kien ser jispara lejn ibnu Lino. Il-konvenut dar lejh u kif ix-xhud kien se jaqbad is-senter, il-konvenut gibed tir u laqat kemm lilu kif ukoll lil Lino. Hemm ix-xhud kellu jcedi. Kif sieheb il-konvenut sema’ t-tir, dahal gewwa hdejhom. Il-konvenut gabar il-flus u telqu.**

**“L-attur kompla jghid li gharaf lill-konvenut minn lehnu u ghaliex il-kalzetta li kien liebes ma kenitx issikkata ma’ wiccu bit-toqob wesghin u miftuhin. Kienet tal-ghamla xibka u seta’ jaghraf il-fattizzi. Il-ghamad kien jasal sal-geddum. Huwa kien jaf lill-**

**konvenut ghaliex kien imur regolarment jiehu l-*petrol* mill-i*station* tieghu. Il-konvenut kellu Escort hamra. Kien imur darba fil-gimgha jew kull hmistax minn ftit xhur qabel il-kaz. Sebat ijiem qabel is-serqa, kien is-Sibt, il-karrozza tal-konvenut kien[et] ipparkjata fuq il-bankina tan-naha ta' l-i*station* tul ta' xi erba' *buses* boghod. Fiha kien hemm xi nies jaqraw il-gazzetta u damu hemm xi erba' sighat. Sa dakinhar il-prezenza ta' dik l-Escort ma kienet qajmitlu ebda suspett.**

**"Xehed ukoll Victor Abela, wiehed minn ulied l-attur, li kien qieghed fil-*petrol station* meta gara l-kaz. Qal li dakinhar il-konvenut kien gie flimkien ma' iehor isuq mutur u tah hamsin centezmu *petrol*. Il-ko[n]venut ha l-*petrol* u telaq. Kien jaf lill-konvenut ghax kienu ghamlu xi disa' xhur sa sena jahdmu flimkien fil-fabbrika tal-ghagin tal-*Master* u kienu jiltaqghu kuljum fil-*break*. Kien ghamel zmien imur jixtri l-*petrol* minghandhom xi darbtejn fil-gimgha wara nofsinhar u meta kien jara lill-konvenut kien ikel[l]mu. Xis-6.45 p.m. x'hin kellhom ix-*shutter* nofsu mnizzel ghax kienu se jaghlqu, il-konvenut rega' mar b'mutur differenti tant li ghamillu osservazzjoni f'dan is-sens izda l-konvenut ma wiegbu xejn.**

**"Meta kienu qed jigbru l-flus bil-bieb imbexxaq, sema' lill-attur ighid li kienu dahlu n-nies. Huwa hareg u ra lill-konvenut b'rasu mghammda b'kalzetta u senter f'idejh; siehbu wkoll kien armat b'senter u mghammad ukoll. Ma kinux libsin l-istess hwejjeg ghaliex kienu lebsin speci ta' *track suit* sewda però kienu bl-istess mutur li bih marru jiehdu l-*petrol*. Din id-darba ma kienx qieghed isuq il-konvenut ghaliex kien fuq wara. Ix-xhud dahal gewwa u ghalaq il-bieb izda ma nizzilx ix-*shutter*. Il-konvenut beda jaghti fuq il-bieb sakemm fethu [u] dahal, filwaqt li siehbu baqa' barra, u meta kien gewwa mar fejn hu x-xhud, Lino Abela u qallu jaghtih il-flus. Lino tah il-flus minn go kexxun izda l-konvenut insista ghal aktar. Intant l-attur hareg minn gewwa u pprova jahtaf lill-konvenut biex izommu izda l-konvenut spara u laqat lill-attur. Ghalhekk tawh il-flus li kienu f'kexxun iehor.**

**"Victor Abela insista li gharaf lill-konvenut ghaliex kien jafu, kien imur spiss l-i*station* taghhom u gharaf anke lehnu. Bil-mod kif kienet imdahhla l-kalzetta seta' jaghraf il-wicc. U mill-esperjenza fuq ix-xoghol fil-fabbrika tal-*Master* seta' jghid kif kien isir lehen il-ko[n]venut meta jirrabja.**

**"Lino Abela xehed li hu ma kienx jaf lill-konvenut izda gharfu meta saret *identification parade* d-Depot.**

**"Min-naha l-ohra l-konvenut cahad li kien ha sehem fil-*hold-up* in kwistjoni u qal li fil-gurnata in kwistjoni kien qed jara l-film *True Confessions* fit-Teatru Roxy, Birkirkara, u mar hemm wahdu. Ma setax jiftakar x'hin beda l-*film* u kemm dam izda kien tal-5.30 p.m. jew tas-6.00 p.m. u dam xi saghtejn jew qribhom.**

**"Fir-relazzjoni tieghu l-perit legali osserva li, ghajr ghal xi dettalji ta' importanza marginali dwar id-dinamika tal-*hold-up*, l-attur u wliedu qablu bejniethom fuq il-fatt kardinali, u cioè li l-konvenut kien wiehed minn zewg persuni li dik il-lejla tad-19 ta' Novembru 1983 ikkommettew serqa ta' flus mill-*petrol station* ta' l-attur sitwat go Mosta Road, Lija. Huma [*recte*: Huwa] jaghmel dawn l-oservazzjonijiet:**

. **<u>L-attur u wliedu kienu jafu lill-konvenut</u>**

**56. L-attur u ibnu Victor Abela iddikaraw li kienu jafu lill-konvenut qabel is-serqa. L-attur kien jafu *di vista* ghaliex xtara *petrol* mill-i*station* tieghu. Victor Abela kien jafu aktar ghaliex hadmu ghal xi zmien il-fabbrika tal-*Master*. Lino Abela gharaf lill-konvenut bhala l-koawtur tal-*hold-up* minn *identification parade* fid-Depot waqt li Mario Abela ma jaghti ebda dettalji.**

**57. Skond l-attur u ibnu Victor Abela, il-konvenut kien jiehu l-*petrol* minghandhom. L-attur isemmi minn darba fil-gimgha sa darba fil-hmistax. Victor Abela jghid xi darbtejn fil-gimgha - allura b'aktar**

**regolarità. Kif kien jigi l-i*station* huwa kien ikellem lill-konvenut.**

**. <u>L-attur u wliedu gharfu lill-konvenut nonostante l-ghamad</u>**

**58. Il-persuni li ghamlu l-*hold-up* kellhom ghamad konsistenti minn kalzetta. Il-malvivent li baqa' mhux maghruf kellu kalzetta ssikkata ma' wiccu li taghmilha difficli li tikkonoxxi l-individwu. Tal-konvenut kienet però kalzetta deskritta mill-attur u wliedu bhala mhux issikkata bit-toqob wesghin u miftuhin f'ghamla ta' xibka tasal sal-geddum b'mod li l-fattizzi tal-wicc jingharfu. Waqt l-incident l-attur gie f'kuntatt mal-konvenut meta ipprova johodlu s-senter. U kollox sehh fil-kmamar tal-i*station* u allura fi spazju limitat li jirrendi rikonoxximent aktar facli.**

**59. Skond Victor Abela, il-konvenut u siehbu wettqu s-serqa bl-istess mutur li ftit tal-hin qabel marru jiehdu l-*petrol* bih mill-istess pompa. Dan ix-xhud biss seta' jikkonstata dan il-fatt billi l-attur u wliedu l-ohra kienu gewwa u kien Victor Abela li ntebah li kienet se ssir *hold-up*.**

**. <u>L-attur u wliedu gharfu lill-konvenut minn lehnu</u>**

**60. Il-konvenut kien klijent tal-attur ta' certa regolarità. L-attur ma sabx diffikoltà jxebbah lehen il-konvenut tenut kont li waqt id-delitt (a) il-konvenut biss tkellem (b) b'aggressività mminaccja lill-attur u lill uliedu li kien se jispara jekk ma jifthux il-bieb li ghalqu biex il-malviventi ma jidhlux gewwa l-i*station* (c) u insista ghal aktar flus meta ma kienx sodisfatt bl-ammont konsenjat lilu ghall-ewwel. Il-konvenut certament ma tkellimx taht l-ilsien bil-konsegwenza li lehen gholi jaghmilha anqas difficli tikkonoxxi l-individwu.**

**. <u>L-attur gharaf it-*tracksuit* li kien liebes il-konvenut</u>**

**61. P.S. 726 Hugh Greengrass spjega xi hwejjeg eleva mill-kamra tal-konvenut fid-dar tar-residenza tal-genituri tieghu. L-attur gharaf it-*tracksuit* li l-pulizija kienet elevat mill-pussess tal-konvenut u kkonferma li l-konvenut kellu dak l-ilbies meta twettqet is-serqa. Victor Abela kkonferma li z-zewg persuni fosthom il-konvenut kienu lebsin *tracksuit* sewda.**

**. <u>Il-konvenut cahad kollox!</u>**

**62. Il-konvenut cahad kull addebitu però ma res[s]aqx provi biex isostni c-cahda tieghu ta' responsabilità jew biex almenu jipprova jmeri dak kollu li kien qed jigi allegat fuqu.**

**63. Dwar l-*alibi* tal-*film*, il-konvenut seta' facilment holoq dan l-*alibi*. U cioè seta' kien jaf minn qabel x'se juri r-Roxy fil-hin tas-serqa, hu li *ex admissis* kien jiffrekwenta dan ic-*cinema* tliet darbiet fil-gimgha. Seta' anke xtara l-biljett minn qabel u ma ghamilx uzu minnu. La l-biljett u lanqas kopja tieghu ma gew esebiti. Lanqas xi persuna li tikkonferma l-presenza tieghu fic-*cinema* dakinhar. Possibli li ma sab lil hadd biex jikkonfortah - hu li kien midhla u klijent regolari tac-*cinema*!**

**64. Jekk qatt ma ha *petrol* minghand l-attur, kif sar jaf l-attur bil-vettura Escort li kellu l-konvenut? Mank iressaq bhal[a] xhud xi hadd minn *Falzon Service Station* ta' Birkirkara in sostenn.**

**65. Il-kopja tal-*workbook* esebit jikkonferma li l-konvenut hadem mal-*Master* ghal perijodu iqsar milla semma Victor Abela però ma jikkontradicix il-fatt li Victor Abela kien jaf lill-konvenut tajjeb u l-presenza tal-istess konvenut dakinhar tas-serqa giet accertata bl-aktar mod cert.**

**. <u>Il-konvenut wettaq il-*hold-up* flimkien ma persuna ohra</u>**

**66. L-accertament tal-konvenut bhala koawtur tas-serqa tirrizulta pruvata anke fuq bilanc ta' probabiltajiet. Dan mhux kaz fejn qed tinghata kredibilità lit-tesi tal-attur ghaliex aktar minn persuna wahda kkonfermat l-identifikazzjoni [*recte*: l-identità] tal-konvenut izda ghaliex min-naha wahda dak li jsostni l-attur u wliedu sostanzjalment huwa atten[d]ibbli verosimili u pruvat, u min-naha l-ohra ghandek posizzjoni processwali tal-konvenut li llimita ruhu semplicement biex jismentixxi dak li kien qed jigi allegat fuqu - frankament imgieba spregudikat[a] li tista' twassal biss ghal rizultat wiehed: dak tal-htija tal-istess konvenut.'**

**"Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-konvenut jaghmel riferenza ghall-principju *ei incumbit probatio qui dicit non ei qui negat*. Minn ezami tal-provi li tressqu l-Qorti hi sodisfatta li l-atturi [*sic*] effettivament irnexxielhom jippruvaw dak li stqarrew mill-bidu nett, cioè li kien il-konvenut li kien wiehed mill-koawturi tal-*hold-up* in kwistjoni, u dan ghamluh minhabba l-identifikazzjoni pozittiva tieghu li kienet reza facli minhabba li ma kellux ghamad issikkat ma' wiccu, ftit minuti biss qabel il-*hold-up* kien mar jiehu l-*petrol* fuq l-istess mutur li ntuza ghall-*hold-up*, l-identifikazzjoni tat-*track suit* li kien liebes il-konvenut waqt il-*hold-up* u li giet elevata mid-dar tieghu. Id-diskrepanzi li l-konvenut jindika fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu huma diskrepanzi marginali u ma hu xejn hlief ezercizzju ta' *clutching at straws*.**

**"Ghalhekk il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-konvenut kien wiehed mill-koawturi tal-*hold-up* in kwistjoni u ghalhekk ghall-hlas lura tar-refurtiva.**

**"Fic-citazzjoni l-attur qieghed jitlob li jithallas lura s-somma ta' Lm1,928. Fin-nota ta' osservazzjojnijiet tieghu l-konvenut jilmenta li l-attur ma ressaqx l-ahjar prova, per ezempju l-*accounts*. Il-Qorti tosserva li waqt dawn il-proceduri l-konvenut kellu kull opportunità jirribatti l-pretensjoni attrici f'dar-rigward izda m'ghamlux. Ix-xiehda ta' l-attur fir-rigward hija**

**cara u inekwivoka u l-ammont gie kkonfermat minn uliedu Victor Abela u Lino Abela.”**

Rat ir-rikors ta’ l-appell tal-konvenut illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi s-sentenza tat-tnejn (2) ta’ Ottubru, 2002 tigi mhassra u revokata u illi jigu respinti t-talbiet kollha attrici kif dedotti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellati (*sic*);

Rat ir-risposta ta’ l-appell ta’ l-attur illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottometta illi s-sentenza appellata ghandha tigi konfermata fl-intier taghha;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tal-konvenut kontra s-sentenza appellata huwa s-segwenti:

1. Illi l-ewwel Qorti adottat ir-relazzjoni tal-perit legali minnha nominat u, fi kliem ir-rikors ta’ appell (fol. 257):

“… inkorporatu *in toto* fil-korp ta’ l-istess Sentenza u dan minghajr l-ebda kumment, kritika jew osservazzjoni li l-imsemmi Rapport, bl-akbar rispett dovut, certament kien jimmerita”;

2. Illi, ukoll fi kliem ir-rikors ta’ appell (fol. 260):
“… il-gustifikazzjoni moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti ghall-akkoljiment taghha tat-tieni talba attrici, hija infondata legalment kif ukoll fattwalment u ghandha tigi debitament riveduta u konsegwentement, mibdula”;

3. Illi, dejjem fi kliem ir-rikors ta’ appell (fol. 260):
“… d-decizjoni ta’ l-Ewwel Onorabbli Qorti, in kwantu l-kap ta’ l-interessi, hija kjarament *extra petita*”;

Ikkunsidrat:

Illi minn qari tas-sentenza appellata jirrizulta car kemm l-ewwel aggravju tal-konvenut mhux fondat u hu fieragh. Infatti, ghalkemm jirrizulta illi fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti iccitat ampjament minn dik il-parti tar-relazzjoni peritali illi tittratta l-kwistjoni tar-responsabbiltà ghas-serqa in kwistjoni, kompriza l-konkluzjoni dwar l-istess responsabbiltà, jirrizulta wkoll illi l-ewwel Qorti ghamlet dan wara illi ghamlet rassenja ta' u ezaminat id-depozizzjonijiet ta' dawk fost ix-xhieda prodotti illi dehrilha illi kienu rilevanti. Inoltre, jirrizulta illi, kuntrarjament ghal dak illi qed isostni l-appellant fl-ewwel aggravju tieghu, <u>l-ewwel Qorti ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-materja tar-responsabbiltà</u> - *sia pure* b'mod succint - kif jidher mis-segwenti silta mis-sentenza (fol. 253-4):

**"Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-konvenut jaghmel riferenza ghall-principju *ei incumbit probatio qui dicit non ei qui negat*. <u>Minn ezami tal-provi</u> li tressqu <u>l-Qorti hi sodisfatta</u> li l-atturi effettivament irnexxielhom jippruvaw dak li stqarrew mill-bidu nett, cioè li kien il-konvenut li kien wiehed mill-ko-awturi tal-*hold-up* in kwistjoni, u dan ghamluh minhabba l-identifikazzjoni pozittiva tieghu li kienet reza facli minhabba li ma kellux ghamad issikkat ma' wiccu, ftit minuti biss qabel il-*hold-up* kien mar jiehu l-*petrol* fuq l-istess mutur li ntuza ghall-*hold-up*, l-identifikazzjoni tat-*track-suit* li kien liebes il-konvenut waqt il-*hold-up* u li giet elevata mid-dar tieghu. Id-diskrepanzi li l-konvenut jindika fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu huma diskrepanzi marginali u ma hu xejn hlief ezercizzju ta' *clutching at straws*" (sottolinear ta' dina l-Qorti);**

Tajjeb illi jigi rilevat illi minn dak illi jinghad fis-silta appena citata jirrizulta illi l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut (fol. 223-233);

Inoltre, tajjeb illi jigi rilevat illi, ghalkemm mis-silta appena citata jirrizulta illi l-ewwel Qorti qablet prattikament ghal kollox ma' l-analizi tal-provi prodotti maghmul mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu, dan ghamlitu wara illi <u>hija stess</u>

ezaminat dawn il-provi. F'dan ir-rigward ma hemm assolutament xejn x'jigi censurat fis-sentenza appellata;

Ikkunsidrat:

Illi l-kontenut tal-paragrafi enumerati tnejn (2), tlieta (3) u erbgha (4) ta' dik il-parti mir-rikors ta' appell intitolata "Responsabbiltà ta' l-Appellanti" jammonta ghal sottomissjoni illi fis-sentenza appellata sar apprezzament zbaljat tal-provi prodotti, sottomissjoni illi dina l-Qorti, wara illi ezaminat dawn il-provi, ma tikkondividi b'ebda mod. F'dan ir-rigward tajjeb illi jigi rilevat illi fil-paragrafu enumerat tlieta (3), appena menzjonat, tar-rikors ta' appell l-appellant jaghmel "ampja referenza ghan-Nota ta' osservazzjonijiet ipprezentata mill-appellanti quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti." M'hemmx dubbju illi l-konvenut ghamel din in-nota ta' osservazzjonijiet bl-iskop illi jirribatti l-konsiderazzjonijiet maghmula u l-konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali. Kif già inghad, l-ewwel Qorti hadet konjizjoni ta' din in-nota ta' osservazzjonijiet. Jidher illi l-ewwel Qorti ma tantx giet impressjonata favorevolment bil-kontenut ta' l-imsemmija nota. Dina l-Qorti sejra issa taghti zewg (2) ragunijiet - mill-hafna illi hemm - ghaliex tikkondividi dan l-atteggjament ta' l-ewwel Qorti:

1. fil-paragrafu enumerat tlieta (3) ta' l-imsemmija nota ta' osservazzjonijiet jinghad hekk (fol. 224):

"… l-Perit gudizzjarju apparta [skarta?] kull ezami u kunsiderazzjoni dwar il-punt ta' responsabbilità, u strah unikament fuq is-sentenza moghtija fil-proceduri kriminali. B'hekk jirrizulta li … indagina vera u proprja tal-provi prodotti fil-proceduri civili … ma saritx";

Minn ezami, anke l-aktar superficjali, tar-relazzjoni peritali jirrizulta dijametrikament oppost ta' dak illi qed jallega l-konvenut appellant. Infatti, jirrizulta illi l-perit legali ibbaza l-konkluzjoni tieghu dwar responsabbiltà ghas-serqa in kwistjoni tista' tghid ghal kollox fuq l-ezami ta' dak illi xehdu *viva voce* quddiem l-ewwel Qorti jew quddiemu l-kontendenti u x-xhieda prodotti. Huwa utili illi jinghad, f'dan ir-rigward, illi fir-relazzjoni peritali "is-sentenza

moghtija fil-proceduri kriminali" tissemma' biss fl-elenku tad-dokumenti esebiti (fol. 204). A skans ta' ekwivoci, tajjeb illi jigi rilevat fil-kuntest tal-"proceduri kriminali" illi dina l-Qorti hija konxja illi, waqt illi fir-relazzjoni tieghu kien qed jaghmel sunt ta' dak illi x-xehed il-konvenut, il-perit legali fil-paragrafi enumerati 52 u 53 qal hekk:

"52. Kien akkuzat bis-serqa xi hames snin wara li kien spicca jahdem mal-Master. Tul dak iz-zmien ma rahx aktar lil iben l-attur.

"53. Huwa ghadda guri dwar dan il-kaz u wara li nstab hati wehel il-habs però wehel intortament ghax kien bla htija. Lill-attur m'ghandu jaghtih xejn."

2. fil-paragrafu enumerat 8(iv) ta' l-imsemmija nota ta' osservazzjonijiet il-konvenut issottometta hekk (fol. 226-7):

"Inoltre, jigi osservat ukoll kontradizzjoni kontenuta fil-konstatazzjonijiet peritali stess, in konnessjoni ma' l-istess ghamad, fejn filwaqt illi l-perit legali josserva illi '*kalzetta ssikkata ma' wiccu … taghmilha difficli li tirrikonoxxi individwu*', xorta wahda jidher illi ma jsib ebda diffikoltà illi jaccetta l-ispjegazzjoni ta' l-attur u ta' ibnu Victor Abela, illi wicc l-esponenti ingharaf, *inter alia*, espressament ghax l-ghamad ma kienx issikkat";

Dina l-Qorti ghandha suspett illi din is-sottomissjoni ta' l-appellant saret b'malizja ghaliex, kif jista' jigi facilment dedott mill-kontenut shih, hawn taht riprodott, tal-paragrafu enumerat 58 tar-relazzjoni peritali, meta l-perit legali semma l-"kalzetta ssikkata" kien qed jirreferi ghall-persuna l-ohra - illi baqghet ma gietx identifikata - illi wettqet is-serqa in kwistjoni flimkien mal-konvenut u mhux ghall-konvenut (fol. 214):

"Il-persuni li ghamlu l-*hold-up* kellhom ghamad konsistenti minn kalzetta. Il-malvivent li baqa' mhux maghruf kellu kalzetta ssikkata ma' wiccu li taghmilha difficli li tirrikonoxxi l-individwu. Tal-konvenut kienet però kalzetta deskritta mill-attur u wliedu bhala mhux issikkata bit-toqob

wesghin u miftuhin f'ghamla ta' xibka tasal sal-geddum b'mod li l-fattizzi tal-wicc jingharfu. Waqt l-incident l-attur gie f'kuntatt mal-konvenut meta ipprova johodlu s-senter. U kollox sehh fil-kmamar tal-i*station* u allura fi spazju limitat li jirrendi rikonoxximent aktar facli" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Ikkunsidrat:

Illi, stante illi permezz tat-tieni (2) aggravju tieghu l-appellant qed jikkontesta dik illi huwa jsejjah "… il-gustifikazzjoni moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti ghall-akkoljiment taghha tat-tieni talba attrici", huwa utili illi jigi hawn riprodott dak kollu illi jinghad fis-sentenza appellata dwar l-istess talba attrici qabel id-dispositiv (fol. 254):

**"Fic-citazzjoni l-attur qieghed jitlob li jithallas lura s-somma ta' Lm1,928. Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-konvenut jilmenta li l-attur ma ressaqx l-ahjar prova, per ezempju l-*accounts*. Il-Qorti tosserva li waqt dawn il-proceduri l-konvenut kellu kull opportunità jirribatti l-pretensjoni attrici f'dar rigward izda m'ghamlux. Ix-xiehda ta' l-attur fir-rigward hija cara u inekwivoka u l-ammont gie kkonfermat minn uliedu Victor Abela u Lino Abela."**

Minn din is-silta mis-sentenza appellata johrog b'mod lampanti illi, bhal ma già inghad meta kien qed jigi konsidrat l-ewwel (1) aggravju tal-konvenut appellant, l-ewwel Qorti hadet konjizjoni tal-kontenut tan-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut;

Dan premess, tajjeb illi jigi issa kunsidrat f'hiex jikkonsisti l-ilment ta' l-appellant dwar l-akkoljiment tat-2 talba attrici. Kif qed tifhem dina l-Qorti, wara illi qrat ghal aktar minn darba l-parti tar-rikors ta' appell intitolata "Kwistjoni tad-Danni Pretizi" (fol. 258-260), l-appellant qed jikkontendi illi l-ewwel Qorti kellha, a tenur ta' dak illi jipprovdi l-artikolu 559 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), tesigi illi l-attur igib l-ahjar prova dwar il-pretensjoni tieghu kontenuta fit-tieni talba. Dan il-provvediment tal-ligi jaqra hekk:

"Il-qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista' ggib."

Huwa veru illi dan il-provvediment tal-ligi jimponi fuq il-Qorti id-dover illi tesigi illi tingieb l-ahjar prova, izda huwa veru ukoll illi huwa fid-diskrezzjoni tal-Qorti illi tiddetermina f'kull kawza partikolari u skond ic-cirkostanzi pertinenti ghal dik il-kawza, liema prova tilhaq il-grad illi jista' jissejjah "l-ahjar". Fil-kawza odjerna, la darba l-ewwel Qorti kienet konvinta illi l-provi imressqa mill-attur dwar it-2 talba tieghu kienu cari u inekwivoci ma kellhiex ghalfejn tesigi prova "ahjar" minn dik fornita mill-attur. F'dan ir-rigward, dina l-Qorti hija tal-fehma illi l-prova migjuba mill-attur dwar it-2 talba tieghu kienet tissodisfa l-vot tac-citat artikolu 559 tal-Kap. 12 mhux biss ghaliex kienet "cara u inekwivoka" u mhux tant ghaliex, kif osservat l-ewwel Qorti, "waqt dawn il-proceduri l-konvenut kellu kull opportunità jirribatti l-pretensjoni attrici f'dar-rigward izda m'ghamlux", daqskemm ghaliex minn l-unika nota ta' eccezzjonijiet intavolata mill-konvenut (fol. 76) jirrizulta illi l-konvenut ma kkontestax it-tieni (2) talba attrici. Infatti, apparti s-solita riserva espressa permezz tal-frazi "salvi eccezzjonijiet ohra", il-konvenut eccepixxa hekk biss:

"Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez kontra l-istess attur peress illi l-konvenut ma kkommettiex u ma kien b'ebda mod konness mas-serqa imsemmija fic-citazzjoni."

Huwa kwazi superfluwu illi jinghad illi, ghalkemm f'din l-eccezzjoni l-konvenut jghid illi "t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti" (sottolinear ta' dina l-Qorti), il-konvenut ikkontesta **biss** ir-responsabbiltà tieghu ghas-serqa in kwistjoni, jew, fi kliem iehor, ikkontesta **biss** l-ewwel (1) talba attrici;

Huwa evidenti, ghalhekk, illi anqas it-tieni (2) aggravju ta' l-appellant ma huwa fondat; anzi dan huwa kompletament fieragh u vessatorju;

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi, in sostenn tat-tielet (3) aggravju tieghu, l-appellant ghamel is-segwenti sottomissjoni fir-rikors ta’ appell (fol. 260-1):

“… minkejja li l-attur appellat ma pproponiex talba appozita ghad-dekorriment ta’ l-interessi fuq is-somma minnu pretiza f’din il-kawza, l-Ewwel Onorabbli Qorti xorta wahda ghaddiet sabiex tipprovdi fuq din it-talba inezistenti.”

Ghalkemm huwa minnu illi fl-att ta’ citazzjoni ma saritx talba sabiex fuq is-somma ta’ Lm1928 pretiza mill-attur jiddekorri l-imghax, ma jistax jinghad illi l-ewwel Qorti ddecidiet *extra petita* meta ipprovdiet dwar it-2 talba attrici bil-mod segwenti (fol. 254):
**“tikkundannah [lill-konvenut] jirrifondi lill-attur din is-somma ta’ Lm1,928 <u>bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni</u>.”**

Dana qed jinghad in vista ta’ dak illi jipprovdi s-subartikolu tnejn (2) ta’ l-artikolu 1141 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu shih jiddisponi hekk:

“**1141**. (1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta’ xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu *ipso jure*, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita.

(2) F’kull kaz iehor, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar illi ssir sejha ghall-hlas b’att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-esekuzzjoni ta’ l-obbligazzjoni.”

Ma hemmx dubbju illi l-obbligazzjoni relativa ghat-2 talba attrici ma hijiex wahda ta’ natura kummercjali u lil dina l-Qorti ma tirrizultalhiex xi ligi li tiddisponi illi ghall-istess obbligazzjoni “l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu *ipso jure*”;

Inoltre, fil-fehma ta’ dina l-Qorti, it-2 talba attrici tammonta ghal “sejha ghall-hlas b’att gudizzjarju”;

A skans ta’ ekwivoci, huwa utili illi jinghad illi dina l-Qorti hija ukoll tal-fehma illi l-kliem “sejha ghall-hlas” fic-citat artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili jirreferi ghall-hlas tal-kapital u mhux ta’ l-imghax fuqu u illi, konsegwentement, meta, bhal fil-kaz odjern, tkun saret it-talba b’att gudizzjarju ghall-hlas tal-kapital, jibda jiddekorri *ope legis* l-imghax fuq l-istess kapital;

Ghall-kompletezza, ghandu jinghad illi s-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-hmistax (15) ta’ Frar, 1984 fil-kawza fl-ismijiet ***Francis Xavier Aquilina v. Carlo Leone Ganado et***, illi jaghmel riferenza ghaliha l-appellant fir-rikors ta’ appell (fol. 262), mhix applikabbli ghall-kaz odjern ghaliex f’dik il-kawza *si trattava* minn talba ghall-hlas ta’ imghaxijiet komposti, materja illi ma tirrientrax fil-kawza odjerna.  F’dan ir-rigward, dina l-Qorti ma tistax ma tiddeplorax il-fatt illi - forsi anke f’dan il-kaz b’malizzja - l-appellant ma ccitax fedelment mill-imsemmija sentenza ***Aquilina vs Leone Ganado et***. Infatti, filwaqt illi parti minn din ic-citazzjoni taqra hekk:
“… biex jghaddu l-imghaxijiet, jenhtieg ukoll illi l-kreditur ikun sejjah lid-debitur biex ihallas dawk l-imghaxijiet permezz ta’ talba gudizzjarja ghal daqshekk.”;

fl-istess sentenza jinghad hekk (Vol. LXVIII.III.18):

**“… biex jghaddu l-imghaxijiet <u>fuq imghaxijiet gà maghluqa</u>, jenhtieg fl-ewwel lok li, kif jipprovdi t-test Ingliz ta’ l-artikolu 1185 [illum l-artikolu 1142 tal-Kodici Civili], ‘*interest be due for a period of not less than one year*’, - cirkostanza din li tirrikorri fil-kaz in ezami, peress li ghandhom jinghataw mill-konvenuti lill-attur imghaxijiet ta’ tmintax-il xahar,.  Inoltre, jenhtieg ukoll jew:  (a) li l-partijiet ikkoncernati jkunu ftehmu li jithallsu <u>l-imghaxijiet komposti</u> wara li jkunu ghalqu l-imghaxijiet originali - cirkostanza din però li ma tirrikorrix fil-kaz in ezami;  jew inkella (b) li l-kreditur ikun sejjah lid-debitur biex ihallas <u>l-imghaxijiet</u>**

**<u>komposti</u> permezz ta' talba gudizzjarja ghaldaqshekk" (sottolinear ta' dina l-Qorti);**

Dina l-Qorti trid taghmilha cara illi hija konxja illi fir-rikors ta' appell l-appellant, kwantu ghall-aggravju tieghu dwar il-kundanna ghall-hlas ta' l-imghaxijiet, ghamel is-segwenti sottomissjoni (fol. 260):

"… is-Sentenza moghtija tikser palezement ir-regola kontra l-interessi *ultra duplum*, stante illi l-interessi dovuti sal-lum - mid-data tan-notifika tac-Citazzjoni *de quo* - fuq il-kapital mitlub mill-attur appellat, jeccedu bil-bosta l-istess kapital mitlub fis-somma ta' Lm1,928."

Dina s-sottomissjoni <u>tista'</u> tkun valida jekk u meta tintalab l-esekuzzjoni tas-sentenza appellata però certament mhix valida f'dan l-istadju fejn dina l-Qorti trid tezamina biss jekk l-ewwel Qorti kienitx legalment korretta meta ordnat illi fuq is-somma imsemmija fit-2 talba ghandu jiddekorri "l-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni", materja illi dwarha dina l-Qorti già esprimiet il-fehma taghha aktar 'l fuq;

Ghalhekk, anqas it-tielet aggravju ta' l-appellant ma jirrizulta fondat;

Ghal dawn il-motivi:

Tipprovdi dwar l-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata; tordna illi l-ispejjes ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenut appellant. U peress illi l-appell mehud fit-totalita` tieghu huwa wiehed frivolu u vessatorju fis-sens tas-subartikolu (4) ta' l-Artikolu 223 tal-Kap. 12, tikkundanna lill-appellant ihallas lill-appellat l-ispejjez ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------